MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1141/2012

**Josephine Galea bħala mandatarja speċjali ta’ Mary Anne, u Kevin Paul konjuġi Pilner, reġistrati bil-kunjom Pilmer ġewwa l-Ingilterra**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tql-atturi ppreżentat fid-19 ta’ Novembru 2012 li permezz tiegħu ġie premess illi:

L-atturi żżewġu ġewwa Holy Trinity Catholic Church, Diss Norfolk, l-Ingilterra fit-8 ta’ Lulju 1978, liema żwieġ ġie wkoll reġistrat Malta, ċertifikat bin-numru progressiv 1667/2011 (Dok. JG1). Kif jidher minn l-istess ċertifikat, l-attriċi Mary Anne xebba Camilleri ddeċidiet li taddotta kunjom żewġha, u ċjoe’ ‘Pilner’;

Sussegwentement, permezz ta' *change of name deed* datata 12 ta' Ġunju 1990 quddiem Anne Rutherferd, *solicitor* ġewwa Diss Norfolk, l-Ingilterra, l-atturi rrinunzjaw għal kollox għall-kunjom tagħhom 'Pilner' u addottaw l-użu tal-kunjom 'Pilmer' (Dok. JG2). Aktar tard, u ċjoe' fl-24 ta' Frar 2012, vera kopja tal-istess att ġiet ukoll irreġistrata r-Reġistru Pubbliku ġewwa Malta (ins. Nru. 3116/2012) (Dok JG3);

Minkejja illi mid-data tal-bidla hawn fuq imsemmija, lill-attriċi Mary Anne nħarġulha żewġ passaporti mill-Malta High Commission ġewwa Londra taħt l-isem Mary Anne Pilmer (Dok JG4), meta fis-sena 2011 l-attriċi marret sabiex jinħarġilha passaport ġdid minn Malta, l-uffiċjali tal-Uffiċju tal-Passaporti infurmawha illi ma setax jinħareġ passaport Malti f'isem Mary Anne Pilmer mingħajr il-pronunzjament relattiv ta' din l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attriċi ġiet infurmata li seta' jinħarġilha passaport biss taħt il-kunjom li jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ surriferit, u ċjoe 'Pilner';

L-istanti għalhekk jinsabu f'sitwazzjoni fejn il-kunjom tagħhom reġistrat f'Malta, u ċjoe' 'Pilner', huwa differenti minn dak ġewwa l-Ingilterra, u ċjoe' 'Pilmer'; għaldaqstant huma jixtiequ illi r-reġistrazzjonijiet relattivi kollha ġewwa r-Reġistru Pubbliku f'Malta jkunu jirriflettu isimhom proprju kif reġistrat ġewwa l-Ingilterra, u ċjoe' Mary Anne u Kevin Paul konjuġi Pilmer.

Għalhekk l-atturi qiegħdin jaħtru lil Josephine Galea (K.I. nru. 820348M) bħala mandatarja speċjali tagħhom għall-finjiet ta' dan ir-rikors ġuramentat (Dok JG5);

L-atturi jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, l-atturi jeħtiegilhom illi tiġi magħmulha annotazzjoni fl-att taż-żwieġ tagħhom bin-numru 1667/11 li tirrifletti l-bdil (ġewwa l-Ingilterra) ta' kunjom l-attur Kevin Paul flimkien ma' martu minn 'Pilner' għal 'Pilmer', b'dana illi konsegwentement, dan jiġi rifless fil-kunjom addottat tal-attriċi Mary Anne.

Għaldaqstant kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Jgħid għalhekk, il-konvenut, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-atturi għandhom ikunu magħrufa bil-kunjom 'Pilmer';

2. Tordna lid-Direttur konvenut jagħmel dik l-annotazzjoni neċessarja fl-att taż-żwieġ nru. 1667/2011 fir-rigward ta' kunjom l-attur Kevin Paul, b'dana illi l-istess annotazzjoni tirrifletti l-addozzjoni li għamel l-attur Kevin Paul tal-kunjom 'Pilmer' permezz taċ-*change of name deed* datata 12 ta' Ġunju 1990 quddiem Anne Rutherferd, *solicitor* ġewwa Dis Norfolk, l-Ingilterra, vera kopja ta' liema ġiet ukoll irreġistrata r-Reġistru Pubbliku ġewwa Malta (ins. Nru. 3116/2012);

3. Konsegwentement, tordna illi l-annotazzjoni magħmulha skond it-tieni talba tiġi wkoll rifless fl-addozzjoni tal-attriċi Mary Anne ta' kunjom żewġha fl-istess att taż-żwieġ nru. 1667/2011, u kif addottat wkoll permezz taċ-*change of name deed* datata 12 ta' Ġunju 1990 quddiem Anne Rutherferd, *solicitor* ġewwa Diss Norfolk, l-Ingilterra, vera kopja ta' liema ġiet ukoll irreġistrata r-Reġistru Pubbliku ġewwa Malta (ins. nru. 3116/2012);

4. Tordna wkoll lid-Direttur konvenut sabiex, jekk ikun il-każ, l-annotazzjonijiet hawn fuq mitluba jiġu riflessi f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-atturi u kif ukoll uliedhom, u dixxendenti ulterjuri tagħhom.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur konvenut, li jinsab minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fil-21 ta’ Diċembru, 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smiegħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi l-esponenti jirrileva li t-tielet talba rigwardanti l-bidla ta’ kunjom ir-rikorrenti Mary Anne ma tistax tintlaqa’ u dan għar-raġuni illi fl-att taż-żwieġ *de quo* hemm imniżżel biss kunjom xbubit ir-rikorrenti. Ma hemm l-ebda intestatura jew spazju fejn jindika x’kunjom kellha tuża r-rikorrenti fiż-żwieġ;

Illi l-esponent iżda ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni ta’ kunjom ir-rikorrent Kevin Paul li minn ‘Pilner’ jinqara ‘Pilmer’, salv pero’ li huwa m’għandux jinżamm responsabbli ta’ din l-inkorrezzjoni fl-att tal-istat ċivili msemmija mir-rikorrenti u dan għaliex kienu r-rikorrenti stess li ddeċidew li jirrinunzjaw għal kollox għall-kunjom ‘Pilner’ u minflok jaddottaw l-użu tal-kunjom ‘Pilmer’;

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m’għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-atturi;

Rat illi permezz tal- verbal tas-seduta tal-4 ta’ Frar 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikati fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni t'ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artiklu 254 saret debitament.

Illi din hija kawża pjuttost insolita fejn qed tintalab korrezzjoni ta' att taż-żwieġ peress li l-attur kien bidel kunjomu permezz ta' hekk imsejjaħ *change of name deed* f'Diss Norfolk l-Ingilterra. Infatti fl-affidavit tagħha l-attriċi Mary Anne Pilmer qalet illi:

*"Before we married Kevin told me that his surname should be Pilmer, but he had been registered at birth with the surname Pilner. We therefore married with the surname of Pilner.*

*At some time in 1990 a friend who worked for a solicitor told us that it was quite simple to change our surnames with a deed of name change and this is what I and Kevin and our children did. My deed of name change was signed on 12th June 1990 in the offices of Gudgeons Prentice then open in Diss Norfolk.*

*Since the deed of name change I have had 2 passports issued by the Malta High Commission in London in the surname of Pilmer. The next renewal was due when we were in Malta, and the form of passports has changed, so we thought it would be easier to have a renewal processed when we were in Malta. This proved not to be the case. As my marriage certificate was in the surname of Pilner and my deed of name change was not recognised by the Maltese authorities it was not a straightforward process. A passport was issued in the surname Pilner. Since this time I have been trying to change my passport to reflect my name of Pilmer, and I have now been advised that court proceedings are required."*

Illi kif sewwa eċċepixxa l-konvenut pero' t-tielet talba ma tistax tintlaqa' peress li fl-att taż-żwieġ m'hemmx imniżżel

kunjom l-attriċi iżda biss kunjom xbubitha li naturalment huwa korrett. Lanqas ma l-Qorti tista’ tilqa’ l-aħħar talba peress li l-atti li tagħhom qed tintalab il-korrezzjoni mhumiex indikati.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, iżda tiċħad it-tielet u r-raba’ talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------